**Mozzjoni imressqa mis-Segretarju Ġenerali tal-Partit Nazzjonalista, Paul Borg Olivier fis-Seduta tal-Kumitat Eżekuttiv tat-3 ta' Novembru 2011**

**Dan l-Eżekuttiv:**

**KONXJU** mill-wegħda Numru 209 tal-Programm Elettorali tal-Partit Nazzjonalista għall-Elezzjoni Ġenerali ta' Marzu 2008 li tgħid li flimkien irridu "*insaħħu s-settur tat-trasport pubbliku sabiex ikun wieħed ta' servizz għal kull Malti u turist filwaqt li jiżdiedu r-rotot tat-trasport pubbliku direttament bejn bliet differenti mingħajr ma jkollhom għalfejn jgħaddu mir-rotta tal-Belt.*" [1]

**KONXJU** mill-fatt li għalkemm ir-riforma kollha tat-trasport pubbliku – inkluż ir-rotot - ġiet deċiża u approvata mill-Kabinett wara proċess twil u wiesgħa ta' djalogu u ta' konsultazzjoni pubblika mal-*istakeholders* kollha, inkluż mal-Kunsilli Lokali, xorta waħda r-riforma tat-trasport pubbliku għada sallum ma laħqitx l-aspettativi tal-poplu f'ċertu oqsma tar-riforma speċjalment f'dak li jirrigwarda puntwalita', regolarita' u frekwenza fuq numru ta' rotot.

**JIRRIKONOXXI** li kien hemm titjib fis-servizz billi pajjiżna issa għandu flotta ġdida ta' karrozzi b'makni Euro V li naqqsu drastikament l-emissjonijiet fl-ambjent ta' pajjiżna; xufiera imħarrġa kif jixraq; estensjoni tas-servizz lejn irħula li qatt qabel ma raw karrozza tal-linja; servizz li issa jibqa' għaddej sal-23:00 kullimkien u kulljum; servizz ġdid, sħiħ u professjonali f'Għawdex kollu; servizz dirett mill-Ajruport għaz-zoni turistiċi kollha u titjib ieħor li jinkludi tnaqqis bin-nofs tas-sussidju li kien jitħallas lis-sidien tal-karrozzi tal-linja qabel ir-riforma ġiet fis-seħħ.

**MADANAKOLLU JIRRIKONOXXI WKOLL** li s-servizz għadu mhuwix qiegħed jilħaq l-aspettattivi kollha tal-poplu Malti speċjalment f'ċertu rotot, f'ħinijiet partikolari u bil- frekwenza li hemm bżonn; .

**JINNOTA** li l-Ministru responsabbli mit-Trasport Austin Gatt irrikonoxxa pubblikament li hu politikament responsabbli għat-tfassil tar-rotot tant li offra r-riżenja tiegħu lill-Prim Ministru liema riżenja ġiet rifjutata.

**JINNOTA,** li mill-banda l-oħra, il-mozzjoni 242 imressqa mill-Oppożizzjoni fis-27 ta' Settembru 2011 hija motivata biss minn opportuniżmu politiku tipiku tal-Partit Laburista li matul il-proċess kollu ta' riforma ma lissinx proposta waħda li hi waħda dwar fhix kellha tikkonsisti r-riforma;.

---

[1] Programm Elettorali PN, 2008 page 57

**GĦALHEKK, DAN IL-KUMITAT EŻEKUTTIV**,

**JEŻIĠI** li l-Ministru responsabbli mit-Trasport ikompli jaħdem biex itejjeb ir-rotot kif ukoll li jieħu l-miżuri kollha skont il-kuntratt biex l-Arriva terfa' r-responsabbiltajiet tagħha billi tipprovdi l-vetturi, l-frekwenzi, il-puntwalita' u l-effiċjenza neċessarja biex tissodisfa d-domanda.

**JIDDEĊIEDI** li jerġa' jiltaqa fi Frar 2012 biex jeżamina xi progress ikun ġie reġistrat wara t-tibdil li se jseħħ fir-rotot fis-6 ta' Novembru kif ukoll il-wegħda tal-Arriva li żżid il-kapaċita' tal-flotta tagħha;

**JIRRISOLVI** li fid-dawl tad-diskussjoni li saret fi ħdanu, jiddikjara ruħu kontra l-Mozzjoni 242 imressqa mill-Partit Laburista u jirrakkomanda illi d-deputati tal-Partit Nazzjonalista jivvutaw kontra l-Mozzjoni tal-Partit Laburista.

**Paul Borg Olivier**
**Segretraju Ġenerali**